**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 13 ta' Marzu 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Andrei Nistor magħruf ukoll bħala Andrei Dinica**
**(Detentur tal-Passaport Rumen bin-numru 60612391)**

**U**

**Lucian Ionut Serban**
**(Detentur tal-Passaport Rumen bin-numru 64452267**)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Andrei Nistor magħruf ukoll bħala Andrei Dinica u Lucian Ionut Serban** li permezz tagħhom ġew akkużati talli b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:-

Matul il-ġurnata tat-8 ta' Marzu 2024 u/jew fil-ġranet ta' qabel, għall-ħabta ta' bejn it-3 ta' wara nofsinhar u l-4 ta' wara nofsinhar, ġewwa Rabat (Malta):

1. Ikkommettew serq sempliċi ta' flus u/jew oġġetti liema serq sar għad-detriment ta' **John Bearcroft** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli, matul il-ġurnata tat-8 ta' Marzu 2024 u/jew fil-ġranet ta' qabel, għall-ħabta ta' bejn is-2 ta' wara nofsinhar u t-3 ta' wara nofsinhar, ġewwa Rabat (Malta):

2. Ikkommettew serq sempliċi ta' flus u/jew oġġetti liema serq sar għad-detriment ta' **Thomas Martin O'Brien** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

3. Akkużati wkoll talli fid-dati, ħinijiet u ċirkustanzi imsemmija qabel, wettqu frodi b'egħmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza' ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħat fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqlu tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, sabiex jagħmlu qliegħ għalihom jew għal persuni oħra, b'valur li jeċċediex l- ħames mitt ewro (€500), għad-dannu ta' **John Bearcroft** u **Thomas Martin O'Brien.**

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta ma Andrei Nistor bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet liż-żewġ imputati jammettu għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti spjegatilhom il-pieni relattivi għar-reati in kwistjoni, u wara li tagħthom biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidraw il-posizzjoni tagħhom;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li għalhekk l-istess imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qegħdin jinsabu ħatja l-imputati, il-fedina penali ta' Andrei Nistor li minnha jirriżulta li huwa riċediv, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni ammettew il-ħtija tagħhom.

Il-Qorti tqis illi r-reati mwettqa mill-imputati, għalkemm ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala reati gravissimi, xorta waħda għandhom jiġu trattati b'severita` u dan in vista li jħallu impatt negattiv fuq isem pajjiżna. Illi għaldaqstant il-Qorti tqis li għandha tagħti piena li tkun ta' deterrent għat-twettieq ta' dawn it-tip ta' reati.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 284, 285, 289 u 308 and 310 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, tiddikjara lill-imputati **Andrei Nistor magħruf bħala Andrei Dinica u lil Lucian Ionut Serban** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħhom u tikkundanna lil **Andrei Nistor magħruf bħala Andrei Dinica** għal perjodu ta' sitt (6) xhur priġunerija u lil **Lucian Ionut Serban** għal perjodu ta' tliet (3) xhur priġunerija.

Il-Qorti mhux qed tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u dan stante li ma jirriżultawx li ġew maħtura xi esperti.

In vista tad-dinamika tar-reati, il-Qorti ma tarax li hu l-każ li hemm il-ħtieġa li tinħareġ xi forma ta' protezzjoni għall-vittmi ta' dawn l-inċidenti peress li l-ħatja u l-vittmi ma jafux lil xulxin.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**